# FIL-QORTI ĊIVILI

# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, l-Erbgħa, 9 ta' Lulju, 2025.

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 78/2022 ISB**

**Fabio Grima (KI 206173 M) fil-kapaċita tiegħu bħala azzjonist u direttur ta' Calfen Limited C 18909 li hija l-azzjonista ta' Footloose Catering Limited C 10695**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji u b'digriet tal-25 ta' Marzu 2024 St. George's Park Company Limited (C-264) ġiet awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis***

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrent **Fabio Grima**, intavolat fit-28 ta' Lulju 2022, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex:-

1. *Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax il-jum jew zmien opportun, jerġa' jdaħħal l-isem ta' Footloose Catering Limited C 10695 fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji;*
3. *Tordna illi l-isem ta' Footloose Catering Limited C 10695 jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpanniji.*

U dan wara li ppremetta:

1. *Illi r-rikorenti hija azzjonista tal-kumpanija Footloose Catering Limited C 10695 li giet registrata fil-5 ta' Gunju 1989;*

2. *Illi kumpanija Footloose Catering Limited C 10695, minhabba ragunijiet li mhumiex necessarjament fil-kontroll esklussiva taghha, naqset milli tottemepra ruħha mad-dispożizzjonijiet u r-rekwiżiti mandatorji tal-Liġi rigward il-kumpanniji u prattiċi oħra u per konsegwenza ġiet imneħħija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji fis-17 ta' Gunju 2021;*

3. *Illi r-rikorrenti saru jafu b'dan u ħassew ruħhom aggravati bil-fatt li l-isem tas-soċjetà msemmija tħassar minn fuq ir-Reġistratur tal-Kumpanniji;*

4. *Illi r-rikorrenti huma lesti li jieħdu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpannija in kwistjoni sabiex din tiġi riattivata;*

5. *Illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, il-kumpanija tindirizza l-penali, il-kontijiet annwali, u l-prospetti annwali anke sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi ta' terzi persuni;*

6. *Illi hekk kif se jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża huma għandhom interess li l-isem tal-imsemmija soċjetà jerġa' jidħol fir-Reġistru tal-Kumpanniji sabiex l-istess kumpannija tkun tista' tkompli topera u tibqa' topera u dan anki' għaliex l-kumpanija tissulloka propjeta' lil terzi;*

Rat **id-digriet** tagħha tal-4 ta' Awwissu 2022 u li bih ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2022 fid-9:30 a.m.

Rat illi fis-6 ta' Settembru 2022, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 6) bid-dokument hemmhekk anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija **Footloose Catering Limited C 10695** kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fil-5 ta' Ġunju 1989;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji, u di piu' naqset ukoll milli tibgħat l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji. Tant hu hekk, illi l-kumpanija rreġistrat l-aħħar prospett annwali mar-Reġistratur datat 2017, filwaqt illi l-aħħar kont annwali reġistrat mill-istess kumpanija kien dak tas-sena 2004;*

*Illi l-kumpanija in piu' naqset ukoll mill-obbligi tagħha mposti mill-Avviż Legali 247 tal-2020 u għaldaqstant baqgħet qatt ma daħħlet l-informazzjoni meħtieġa mar-Reġistratur tal-kumpaniji dwar is-sidien benefiċċjarji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kitbet lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala **Dok. 'A'** l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) u lill-uffiċjali tagħha Fabio Grima u Raymond Grima sabiex tavża illi l-isem tal-kumpannija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tiġix sottomessa l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji;*

*Illi l-ewwel ittra ntbagħtet lill-kumpanija fl- indirizz 'Sinners in Heaven, St.George's Road, St. Julians' u lill-uffiċċjali tagħha fl-indirizzi '193, Triq Vincenzo Ciappara, Mellieħa' u '170, Triq il-Fortizza, Mellieħa' rispettivament datati 8 ta' Frar 2021.*

*Illi f'dawn l-ittri il-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha hekk kif inhu rikjest mir-Regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u tweġiba għall-avviż fi zmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fis-17 ta' Marzu 2021, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi, madankollu fit-terminu preskritt mil-liġi, la l-kumpanija, la d-direttur tagħha u lanqas terzi persuni ma nfurmaw lir-Reġistratur illi kellhom xi nteress illi l-isem tal-kumpanija jibqa' fuq ir-Reġistru. Barraminnhekk, l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji baqgħat ma ġietx sottomessa. Għalhekk l-esponenti mxiet sabiex tħassar l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru b'effett mis-17 ta' Ġunju 2021;*

*Illi kif jidher ċar mill-fatti suesposti, ir-rikkorrent kellu biżżejjed żmien kemm qabel kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-avviżi msemmija, biex jinforma l-esponent dwar l-interess illi kellu sabiex l-isem ta' din il-kumpannija jibqa' fuq ir-Reġistruu għalhekk jissottometti l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji, iżda dan baqa inadempjenti;*

*Illi għalkemm ir-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi jidher biċ-ċar illi r-rikorrent qatt ma kellu interess li jimxi b'konformita' mal-liġi dwar il-kumpaniji u infatti naqas milli jirreġistra dokumenti mandatorji mar-Reġistratu għal numru twal ta' snin, inkluż ukoll l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji, minkejja diversi notifiki li kienu jintbagħtu lilu;*

*Illi r-rikorrenti injora wkoll il-multi illi jfakkru f'tali nuqqas u qatt ma affettwa il-pagamenti tal-multi. Illi il-pagamenti pendenti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali jammontaw għal* ***EUR 9,208.88****, filwaqt li l-penali fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' dawn il-prospetti kif ukoll tal-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji u tal-kontijiet annwali jammontaw għal* ***EUR 22,859****;*

*Illi l-kumpanija ma tistax tiġi riattivata skont l-artikolu 325 (4) tal-Att dwar il-Kumpaniji kif speċifikat fir-rikors odjern imma skont ir-Regolament 9(4) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations għaliex taħt dan ir-regolament ġie mħassar l-isem ta' tali kumpanija;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji, il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan ukoll sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tat-terzi persuni;*

*Huwa għaqli wkoll illi s-soċjeta' azzjonista, Calfen Limited (C 18909) li isimha wkoll ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru, tiġi riattivata wkoll għaliex jekk ma jsirx hekk, il-kumpanija ma tkunx tista' topera. Illi f'dan ir-rigward l-esponenti tirreferi għar-rikors numru 77/2022 ISB, fl-ismijiet* ***Fabio Grima vs Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji****. Illi għaldaqstant ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħha sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rettifikata.*

*Illi għaldaqstant hija lesta li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-każ.*

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2022, deher l-Avukat David Farrugia Sacco għar-rikorrent u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2022, id-difensuri tal-partijiet għarrfu lill-Qorti li hemm diskussjonijiet sabiex il-pendenzi tas-soċjeta' *de quo* jiġu riżolti u f'dan is-sens ir-rikorrent noe kien qed jiddikjara d-disponibilita' tiegħu li dan isir. Il-Qorti tosserva illi din kien konferma ta' dak li diġa' kien dikjarat fir-rikors promotur.

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Ġunju 2023, il-Qorti wissiet lir-rikorrent li hija kienet ser takkorda l-aħħar differiment sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija *de quo* tiġi regolarizzata u altriment tgħaddi biex tieħu l-provvedimenti opportuni.

Rat ir-Rikors tas-soċjeta' **St. George's Park Company Limited** tad-29 ta' Settembru 2023 (fol 29), b'dokumenti annessi, li permezz tiegħu talbet li

tintervjeni fil-kawża odjerna *in statu et terminis* u dana stante li hija kreditriċi tas-soċjeta' *de quo* u għalhekk għandha interess li l-kumpanija *de quo* tiġi ravvivata.

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Marzu 2024 (fol 123), li permezz tiegħu laqgħet it-talba tas-soċjeta' St George's Park Company Limited.

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2025 ir-Reġistratur intimat għarraf lill-Qorti illi kienu ġew sottomessi l-kontijiet annwali pero' ma kienx sar il-ħlas tat-tariffi relattivi għall-istess u kien jonqos ukoll id-dikjarazzjoni tal-*ultimate beneficial owner* tas-soċjeta *de quo*. F'dan ir-rigward il-Qorti nnotat li n-nuqqas tar-rikorrenti illi jirregolarizza l-pożizzjoni tal-kumpanija *de quo* ma huwa xejn għajr telf ta' ħin għall-Qorti u għall-istess partijiet f'dawn il-proċeduri u għalhekk akkordat l-aħħar differiment bl-intendiment ċar li fl-udjenza li jmiss tgħaddi għall-provvediment.

Rat illi fl-udjenza tat-28 t'April 2025, id-difensur tar-rikorrent għarraf lill-Qorti li l-multi u l-penalitajiet ġew mħallsa u kienu ġew depożitati mar-Reġistratur intimat id-dokumentazzjoni kollha għajr għall-BO Forms li għandhom jiġu ppreżentati mill-Awditur Roberto Mifsud.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-28 t'April 2025, il-Qorti akkordat żmien ġimgħa sabiex tiġi ppreżentata nota konġunta fejn issir dikjarazzjoni illi l-BO Forms ikunu ġew ippreżentati u ħalliet il-kawża għall-udjenza ta' llum għall-provvediment bl-intiża ċara li jekk kemm-il darba n-nota konġunta ma tiġix ippreżentata, allura l-Qorti tifhem illi l-pożizzjoni tal-kumpanija *de quo* ma tkunx ġiet regolarizzata fl-intier tagħha.

Rat illi n-nota konġunta, għalkemm tardivament, ġiet intavolata fis-26 ta' Mejju 2025.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent noe ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha jgħid li s-soċjeta' rikorrenti hija azzjonista tal-kumpanija **Footloose Catering Limited (C 10695)**, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fis-17 ta' Ġunju 2021.

Jispjega li l-kumpanija *de quo* naqqset milli tottempra ruħha mad-dispożizzjonijiet u r-rekwiżiti mandatorji tal-liġi rigward il-kumpaniji minħabba raġunijiet mhux neċessarjament fil-kontroll esklussiv tagħha. Jgħid li s-soċjeta'

rikorrenti għandha interess li l-kumpanija *de quo* tkun tista' topera u tibqa' topera stante li hi tissulloka propjeta' lil terzi.

Issostni għalhekk li għandha kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur li tibgħat kontijiet u prospetti annwali, kif ukoll naqqset milli tibgħat l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji tagħha.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-liġi biex tikkanċella l-kumpanija u għaddiet mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan. Jgħid li din il-Qorti għandha tara li l-pożizzjoni tal-Kumpanija tiġi regolarizzata qabel ma tgħaddi għar-ravvivament tal-istess.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-*

*ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija Footloose Catering Limited (C10695) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irriżultaw.

Il-Qorti però, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilità tar-rikorrenti illi jirregolarizzaw l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, minkejja li r- rikorrent noe wera id-disponibilita' tiegħhu li jirregolarizza l-pożizzjoni tal-kumpanija fi stadju bikri tal-proċeduri, b'danakollu jirriżulta illi kien hemm bżonn disa' differimenti u kwazi tlett snin sabiex ir-rikorrent noe jirregolarizza il-pożizzjoni tas-soċjeta' de quo.

Bil-paċenzja kollha l-Qorti ppermettiet dan u ħalliet il-kawża fuq il-lista tagħha, u dana minkejja t-twissijiet ta' din il-Qorti kif anke jirriżulta mill-verbali. Minkejja illi finalment jirrizulta illi ir-rikorrenti noe wettaq dak li kien minnhu promess mill-ewwel, il-Qorti ma tistax ma tiddeplorax l-aġir tar-rikorrent noe illi abbuża b'dan il-mod mill-opportunitajiet illi tagħtu l-Qorti, anke jekk tqis illi almenu finalment għamel dak li kellu jagħmel.

## Ikkunsidat Ulterjorment:

Illi fil-każ odjern, ir-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż lir-rikorrent fi Frar 2021, u minn qari tagħha jirriżulta illi l-kumpanija ġja kienet ilha moruża fl obbligi tagħha għal diversi snin. Minkejja avviżi oħra skont il-liġi, ir-rikorrent noe jirriżulta illi baqa' inadempjenti sakemm ir-Reġistratur intimat ma kellux alternattiva oħra għajr illi bl-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-liġi, jgħaddi biex jikkanċella l-kumpanija de quo minn fuq ir-Reġistru fis-17 ta' Ġunju 2021.

Il-Qorti tqis illi sena wara, f'Lulju 2022, ir-rikorrent noe ressaq l-odjern rikors li permezz tiegħu ddikjara illi għandu interess illi l-kumpanija titpoġġa lura fir-

Reġistru u ddikjara ukoll illi huwa kien lest illi jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpanija.

Mir-risposta tar-Reġistratur intimat tas-6 ta' Settembru 2022, kien jirriżulta ċar illi l-kumpanija *de quo* mhux biss naqset milli tippreżenta dokumenti b'obbligu statutorju, iżda ukoll naqset milli tħallas l-ammont dovut lill-istess Reġistratur kemm f'penali u kif ukoll drittijiet ta' reġistrazzjoni, kif ukoll naqset milli tgħaddi l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji tal-kumpanija.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi kif fuq ingħad, il-Qorti trid tuża d-diskrezzjoni tagħha u hija tagħmel dan ukoll b'sens tali illi safejn il-provvedimenti tal-liġi jkunu osservati, il-Qorti tagħti dejjem l-opportunita' li jkunu regolarizzati l-affarijiet ta' kumpanija bil-għan illi jekk jista' jkun kumpanija sahna terġa' ssib postha fuq ir reġistru.

Bil-maqlub japplika ukoll pero', u l-Qorti mhix ser taċċetta illi fuq ir-Reġistru jitpoġġew lura kumpaniji li jkunu tneħħew minħabba illi ma jkunux imxew mal-liġi u meta tali kumpaniji jibqgħu mhux konformi ma' dak li l-liġi trid minnhom. Meta u jekk il-Qorti tara illi rikorrent ikun ingħata l-opportunita' illi jirregolarizza, opportunita' adegwata, iżda dan ma jagħmlux, allura l Qorti tassew ma jkollhiex alternattiva għajr illi tiċħad talba bħal din.

F'dan il-każ, il-Qorti tqis illi finalment, ir-rikorrenti noe ottempra ruhu u saret dikjarazzjoni konġunta, allura inkluz minn dik tar-Registratur intimat, fis-sens illi l-pendenzi li kellha s-soċjeta' Footloose Catering Limited kien issa regolarizzati.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti hija sodisfatta illi jkun xieraq illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent noe u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex, fi żmien ħmistax-il jum, terġa' ddaħħal l-isem ta' **Footloose Catering Limited (C 10695)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk din titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex twettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Footloose Catering Limited (C 10695)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji.

4. **Fir-raba' lok**, tordna illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi tista' tinkorri r-Reġistratur intimat sabiex tirrestitwixxi isem il-kumpanija **Footloose Catering Limited (C 10695)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrent noe.

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |